MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2006

Numru 1/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Bonnici**
**V**

**JOHN TANTI**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **JOHN TANTI** ta’ ‘Amber’, Triq Lord Byron, Birguma, limiti tan-Naxxar, detentur tal-karta tal-identita numru 11057M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-kwalita tieghu ta’ Direttur ta’ Jade Limited [C 9145], fit-tnejn ta’ Mejju 2001 u qabel din d-data, naqas li jhallas lill-ex-impjegata tieghu Jane Zammit ghal sahra li hi hadmet fl-istabbiliment tieghu fil-festi pubblici [14] u fil-Hdud [53 Hadd] meta hi kienet tithallas bir-rata normali flok bir-rata ta’ hin doppju, liema sahra tammonta ghal arretrati fl-ammont ta’ sitt mija erbgha w erbghin lira w ghoxrin centezmu [[LM644.20] (hames mija u disgha liri u disgha w hamsin centemu {LM509.20} ghal Hdud u mija erbgha

w tletin lira u wiehed u sittin centezmu {LM134.61} ghal festi).

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lil imputat li jhallas lil Jane Zammit is-somma ta' sitt mija erbgha w erbghin lira w ghoxrin centezmu [[LM644.20] kif hawn spjegat hawn fuq.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Rat wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Frar 2006 per Magistrat Dottor Miriam Hayman [fol 115 et seq tal-atti].

Rat li l-allura imputat kien intavola appell minn din s-sentenza nhar d-disgha ta' Marzu 2006 [fol 119].

Rat s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmintax ta' Mejju 2006 [fol 137] fejn gie ordnat li l-atti processwali jintbaghtu lil Ewwel Qorti biex il-kawza terga tigi deciza mill-gdid skond l-ligi b'mod li l-appellant qed jerga' jitpogga fil-posizzjoni li kien immedjatament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata.

Rat s-surroga tas-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef datata hmistax ta' Gunju 2006 sabiex l-Magistrat Sedenti Dottor Consuelo Scerri Herrera tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza [fol 141].

Semghet lil Doctor Joseph P. Bonello ghan-nom u fl-interess tad-Department of Industrial and Empolyment Relations jiddikjara li kien qed jirrimetti ruhu ghal atti processwali u lil Dottor Kenneth Grima ghal imputat jezenta lil Qorti mill-htiega li tisma mill-gdid x-xhieda li diga ddeponew stante li x-xhieda taghhom tinsab traskritta fl-atti, u dan fis-seduta tad-disgha ta' Awissu 2006 [fol 146].

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tas-sitta ta' Novembru 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tletin ta’ Novembru 2004 **xehdet Sarah Cuschieri** [fol 18] fejn qalet li fil-present hi ma kienetx tahdem pero fi zmien l-akkuza hi kienet inkarigata mill-*claims* ta’ dawk in-nies li kienu jispiccaw mix-xoghol u kien ikun baqghalhom jiehdu xi flus pendenti minghand l-ex impjegati taghhom.

Qalet li fit-tmienja ta’ Gunju 2001, Jane Zammit kienet marret l-ufficju taghha w ghamlet *claim* fejn allegat li ma thallsitx tal-Hdud u festi pubblici bil-paga doppja. Qalet li Jane Zammit kienet hadmet mill-ewwel ta’ Marzu 2000 sat-tnejn ta’ Mejju 2001 [vide data a fol 32]. Ix-xhud qalet li hi f’idejha kellha kopja tat-*termination form* li tikkonferma l-perjodu ta’ l-impjieg ta’ Jane Zammit w esibietha.

Qalet li sussegwentement hi kienet kitbet lil imputat ta’ Jade Limited, Going Places, Triq Ball, Paceville, nhar t-tmintax ta’ Gunju 2001 fejn infurmatu dwar *final settlement* ta’ Jane Zammit ta’ 4, Flat 4, Triq Merkanti, il-Belt Valletta fejn infurmatu li hi kienet qed titlob l-hlas ta’ festi pubblici u Hdud li hadmet f’dan il-perjodu. Ziedet tghid li l-imputat kien kitbilha lura nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Gunju 2001, fejn kien kien talabha ghal aktar informazzjoni dwar dak li kienet qed tippretendi Jane Zammit. Qalet li sakemm kitbet lura lil imputat, kienet dahlet ittra minghand Dottor Jose Herrera ghal imputat, fejn fiha kien hemm spjegat kif kienet thallset Jane Zammit u ghal liema festi pubblici kienet thallset. Sussegwentement hi kienet kitbet lil imputat biex tghidlu ghal liema granet Jane Zammit kienet qed tippretendi hlas. Qalet li Jane Zammit kienet talbet hlas ta’ tlieta w hamsin Hadd li jidhlu f’dak il-perjodu li semmiet aktar qabel*, at double rate* peress li kienet thallset *at single rate* u kellha erbatax il-jum bhala festi pubblici li jammontaw ghal sitt mija erbgha w erbghin lira w ghoxrin centezmu u kien dan li kitbu lil imputat.

In kontr’ezami, ix-xhud qalet li skond l-ETC form u skond ma qaltilha Jane Zammit, hi hadmet mal-imputat ghal disgha snin, kwazi ghaxar u hi kienet waslet ghal ammont ta’ tlieta w hamsin Hadd li ma kientx thallset sew taghhom fuq allegazzjoni tal-istess Jane Zammit u skond dokumentazzjoni moghtija lilha minnha. Qalet li skond t-

*termination form* jirrizulta li Jane Zammit kienet tahdem *full time*. Spjegat li mill-*pay slips* li ghandha ta' Jane Zammit jirrizulta li kienet *full timer*.

Illi nhar t-tletin ta' Novembru 2004 **xehdet Jane Zammit** [fol 35] fejn qalet li hi kient tahdem ma l-imputat, f'hanut jismu Places, sitwat f'Paceville li kien restaurant u hanut tax-xrob meta bdiet tahdem hi. Qalet li mas-z-zmien kien infetah hanut iehor tax-xorb. Qalet li hi kienet tibda xoghol fil-hamsa ta' filghodu u tispicca fis-siegha ta' wara nofsinhar kuljum, mit-Tnejn sal-Hadd. Qalet li hi kien ilha tahdem hemmhekk disgha snin kwazi ghaxra. Qalet li wara xi zmien dahlet ohra tahdem maghha u gieli kienet tiehu xi gurnata *leave*. Qalet li hi ma kienetx thallset tal-*leave* minghand l-imputat. Qalet li meta ghamlet l-ktieb tax-xoghol, kienet ghamlitu bhala *part timer*, pero kienet *full timer* ghal sentejn u l-imputat ma hallashiex tal-*leave* li ma hadietx u li suppost kienet intitolta ghalihom. Cahdet li l-imputat taha tlett ijiem *leave* f'Marzu 1999, li taha erbat ijiem *leave* f'Mejju 1999, u f'Gunju, f'Lulju, f'Settembru, f'Ottubru u f'Dicembru 1999 lanqas ma hadet *leave*. Qalet li lanqas *overtime* ma taha ghalkemm kienet ddum tahsel l-platti sas-sitta ta' filghaxija.

Mistoqsija mill-Qorti rigward s-sena 2000, fejn skond l-*pay slip* jidher li m'ghamlitx *overtime* u hadet hamest ijiem l*eave* f'Jannar, erbat ijiem fi Frar, erbat ijiem f'Marzu, erbat ijiem f'April, erbat ijiem f'Mejju, ix-xhud cahdet dan kollu. Ghar-rigward Gunju, Lulju, Awissu, Settembru, Ottubru, Novembru u Dicembru 2000, ix-xhud qalet li ma hadet ebda *leave*. Mistoqsija mill-Qorti jekk kienx veru li matul s-sena 2001 kienetx hadet wiehed w ghoxrin gurnata *leave*, peress li skond l-*pay slips* esibiti jirrizulta hekk, x-xhud wiegbet li dawk kien tahomlha l-imputat u hekk kien nizzel meta fil-fatt ma hadet xejn minn dawk. Qalet li meta fl-ahhar xahrejn li kienet ghamlet tahdem mal-imputat, kienet tiggieled mieghu biex ihallasha, l-imputat kien jirrispondiha li dawk kienu mgemmghin u li kienet ser tohodhom f'salt. Qalet li qabel ma telqet minn mieghu, l-imputat kien anke xlieha li kienet serqitlu kitla tal-elettriku oltre li ma kienx hallasha ta' dawn il-granet li kienet intitolata ghalihom. Ziedet tghid li l-gurnata *off*

taghha kienet tkun nhar ta’ Tlieta u kien jaghtiha gurnata frank. Qalet li sakemm telqet minn mal-imputat gieli kellha xi tghid mieghu peress li kienet titolbu l-flus peress li l-paga taghha kienet tilghab, u meta spiccat minn mieghu marret d-dipartiment tirrappurtah.

Qalet li qabel ma kienetx marret d-dipartiment tirrapporta ghaliex dak iz-zmien ma kienetx taf ghaliex meta dahlet tahdem mieghu, dahlet bhala *part timer* mhux *full timer* u hi kienet tahdem mill-hamsa ta’ filghodu sas-siegha ta’ wara nofsinhar. Qalet li kien hemm tnejn li kienu jahdmu bla ktieb u kien jibghathom kmieni u lilha jhalliha hemm sas-siegha ta’ wara nofsinhar. Qalet li hu ma kienx joqgthod hemm, kien joqghod jigri. Qalet li gieli gieghlha ttella’ hamsin kaxxa tal-birra fuq xulxin u dejjem dawk is-sighat hadmet minn Jannar sa Dicembru. Qalet li l-imputat ma kienx jaghlaq fix-xitwa u kien beda jaghlaq dawk l-ahhar tlett snin biss. Qalet li anke meta habtet bil-karozza u l-professur kien taha xahar toqghod fis-sodda, l-imputat kien cemplilha u talabha tidhol xoghol wara hmistax.

Ix-xhud cahdet li l-imputat qatt taha xi *leave* u meta tkellmet mal-*accountant* u qaltlu b’dan, l-*accountant* kien jirrispondiha li l-imputat ma kienx ikun irid jisma.

Illi nhar l-hmistax ta’ Novembru 2005 **xehed l-imputat minn jeddu b’mod voluntarju** [fol 86] fejn qal li Jane Zammit ghamlet zmien tahdem mieghu bhala *cleaner on a six day week basis, one day off* u tahdem erbghin siegha fl-istabbiliment Going Places li hu mmexxi minn Jade Limited. Zied jghid li hu wiehed mid-diretturi ta’ din il-kumpanija. Qal li Jane Zammit damet aktar minn hames snin tahdem mieghu. Qal li din kellha paga *above the minimum wage* bil-patt u kondizzjoni li tahdem il-granet kollha li kienu ftehmu fuqhom inkluz l-Hdud. Mistoqsi mill-Qorti jekk dak li qalet Jane Zammit u cioe li kien ilha xi disgha jew ghaxar snin tahdem kienetx qed tesagera, x-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li din il-query inholqot meta Jane Zammit harget bil-pensjoni, spiccat bil-*full time employment*. Qal li meta kienet waslet biex tispicca, qaltlu li kienet lesta tibqa tahdem mieghu pero bla ktieb u hu ma

kienx accetta. Qal li sakemm spiccat, Jane Zammit qatt ma qaltlu li ma kienx qed jaghtiha kemm suppost. Qal li meta wegibha li ma kienx lest li jhaddimha bla ktieb, hi kienet qaltlu ‘meta issa naghmel fattija’ u telqet il-barra u fethet l-kawza odjerna. Qal li wara kienu baghtu ghalih tal-Employment u hu u l-*accountant* tieghu kien spjegahom kollha tramite l-*file* ta’ Jane Zammit bis-sighat li hadmet mieghu u dawn xorta baqghu jinsistu li hu kellu jhallasha certu ammont ta’ flus. Qal li l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu ma pagi jhallihom f’idejn l-*accountant* tieghu Silvio Muscat, li kien ilu maghhom sbatax il-sena. Qal li l-ftehim bejnu u bejn Jane Zammit kien li tiehu ‘x’ *amount of money* iktar mill-minimum wage u hi dak iz-zmien kienet tiehu sitt lira, jigifieri kienet *above the minimum*, kif wkoll, peress li huma kienu fil-*catering*, apparti li kienet tithallas *extra*, il-Hadd kien *covered* w imbaghad tiehu l-Gimgha off. Zied jghid li fix-xitwa jifthu fil-*weekend* biss, jigifieri mit-Tnejn sal-Hamis ikun maghluq u tul dawk l-ahhar sitta sebgha snin, li wkoll kienu jifthu fil-*weekends* biss, tawha *ample days off*. Qal li hi spiccat f’Mejju 2001 minn maghhom. Qal li meta l-hanut kien ikun maghluq, Jane Zammit kienet tiehu l-paga kollha u tiehu l-*annual holidays* u *days off*, jigifieri meta l-hanut kien ikun maghluq, Jane Zammit ma kienetx tmur ghax-xoghol u huma kienu jaghtuhilha bhala *annual holiday*.

In kontr’ezami x-xhud qal li kuntratt bil-miktub tal-ftehim li Jane Zammit kienet ser tiehu tant flus aktar mill-*minimum wage* ma kienx hemm, pero kien indikat fuq il-*pay slip* li qed tiehu aktar mill-*minimum wage*. Qal li hi ma kienetx tithallas tal-Hdud u festi ghaliex kien hemm l-*agreement* li tithallas *extra*. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk qatt kellu xi ftehim ma Jane Zammit biex l-*overtime* li tidhol s-Sibt jithallas doppju, x-xhud wiegeb li hi qatt ma ghamlet *overtime.* Qal fil-*catering* ma jhallsux doppju.

Illi nhar l-hmistax ta’ Novembru 2005 **xehed Silvio Muscat** [fol 96] fejn qal li hu *accountant* u awditur ma ditti fosthom Jade Limited. Qal li kien ilu ma Jade Limited ghal hmistax il-sena. Qal li Jane Zammit kienet impjegata ma Jade Limited bhala *maid* ghal xi sebgha jew tmien snin bil-

ktieb. Meta ra d-dokumenti esibiti ix-xhud qal li Jane Zammit kellha paga ta’ hamsa w sittin lira fil-gimgha ghal perjodu ta’ bejn s-sena 2001 w is-sena 2003. qal li f’Jannar 2000 kellha tlett mitt lira gross. Qal li hi kienet tizdied bl-ammonti tal-gholi tal-hajja li kien jaghti l-Gvern. Mistoqsi jghid jekk jafx li kien hemm xi ftehim ma Jane Zammit a bazi ta’ liema hadet dawk il-flus u mhux xi ammont iehor, x-xhud wiegeb li l-imputat kien jaghtiha minn jeddu jigifieri kien jaghtiha dik l-paga ghaliex kienet tahdem l-Hadd. Kieku ma kienx jaghtiha dik il-paga, kien jathiha l-*minimum wage*. Qal li l-paga minima fis-sena 2000 kienet bejn tmienja w erbghin u hamsin lira maltin. Qal li hi suppost kient tahdem bejn sebgha u tmien sighat, jigifieri erbghin siegha fil-gimgha, pero hi kienet tmur filghodu kmieni x’hin ifettlilha u titlaq, kultant anke qabel nofsinhar kienet titlaq, skond kemm kien ikun hemm xoghol. Qal li dak z-zmien, l-istabbliment Going Places kien jiftah kuljum pero wara, fis-sena 2000 sabu li ma kienx vijjabbli li jifthu *seven days a week* u kien jaghlaq mit-Tlieta sal-Hamis u dawk il-granet Jane Zammit ma kienetx tidhol xoghol u kienu jghodduhomlha bhala *leave*. Jigifieri dawk il-granet li ma tadhimx kienu jigu kumpensati bil-*leave,* max-xoghol li kienet tadhem s-Sibt u l-Hadd. Qal li din s-sistema li jifthu fil-*weekends* biss ghadha fis-sehh.

In kontr’ezami, ix-xhud, mistoqsi jikkummenta dwar l-ftehim li kien hemm ma Jane Zammit li jaghtiha xi haga zejda l-imputat, wiegeb li dan hi kienet issemmi dan wkoll. Qal li huma kitbu kemm l-darba lil Labour Office dwar l-fatt li huma klassifikati bhala *bar and restaurant* pero huma kienu jghodduhom bhala *disco* u tal-Labour Office qatt ma qalulhom li kienu qed jghodduhom bhala tali u kien ghalhekk li nqalghet din il-kwistjoni ghaliex kieku qalulhom li jikklassifikawhom bhala *bar and restaurant*, ghaliex f’dak l-kaz l-kondizzjonijiet kienu jkunu differenti. Qal li meta tkun *bar and restaurant*, s-Sibt u l-Hadd huma normali. Qal li fil-fatt fid-*disco* ma humiex skond l-Labour Office, u dawn ikklassifikawhom bhala *disco* meta fil-fatt ma humiex. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni kieku dawn is-sighat li hadmet s-Sibt w l-Hadd, Jane Zammit, kienu gew kalkolati doppji, kienx ikun inqas jew izjed fil-paga li

thallset, x-xhud wiegeb li hekk kienet tigi pressa poco. Qal li qatt ma kellu xi sistema li turi x'hin dahlet ghax-xoghol Jane Zammit u kien joqghod fuq li tghidlu hi li kienet tidhol fis-sitta ta' filghodu ghax-xoghol. Qal li ftehim verbali biss kien hemm u hi kienet suppost tidhol aktar tard meta fil-fatt kienet tidhol minn jeddha aktar kmieni. Qal li qatt ma kellhom xi sistema li jivverifikaw x'hin kienet qed tidhol xoghol, kienu joqghodu fuq dak li tghid hi biss.

Qal li ghad-dipartiment tal-Labour Office huma klassifikati bhala *disco* mentri ghal pulizija u kollox huma *bar and restaurant* u licenzja ta' *bar and restaurant* jhallsu. Qal li d-differenza li ssir fuq impjegat f'dan r-rigward hu li meta tkun *bar*, s-Sibt u l-Hadd jigu normali ghalihom basta ma tahdimx aktar minn erbghin siegha, u meta tigi ghal *disco*, l-Hadd jithallas doppju.

Qal li jaf li Jane Zammit kienet titlaq qabel nofsinhar ghaliex sikwit kien imur ifittex lil imputat hemmhekk u ma jarahiex. Mistoqsi meta ddecidew li ma jifthux mit-Tnejn sal-Hamis, Jane Zammit kellhiex ghazla jekk dawk t-tlett ijiem ma tkunx trid tohodhom *leave* imma tidholhom xoghol, ix-xhud wiegeb li hi ma kellhiex ghazla. Qal li huma kienu jaghtu lil Jane Zammit tmien sighat ghal kull jum li jghalqu. Qal li huma ma kienux jhallsuha meta tidhol s-Sibt w l-Hadd doppju, ghaliex kienet mifthema fil-paga.

Ikkunsidrat:
Illi din l-kawza tiddependi biss fuq l-kredibilita li din il-Qorti ghandha taghti lix-xhieda li xhedu f'dan il-procediment. Dan ghaliex il-prosekuzzjoni qed tallea li l-imputat ma hallalsx lil Jane Zammit ghal sahra li hi hadmet fl-istabbiliment tieghu fil-festi pubblici u fil-hdud waqt li d-difiza qed tallega li l-imputat kien qed ihallasha aktar mill-minimum wage ghas-servizz taghha ta' seftura ghaliex effettivament kienet tahdem xi sighat l-Hadd u b'hekk kien jikkumpensaha fil-paga li kien jaghtiha.

Il-Qorti pero tinnota li l-imputat m'ghamel ebda referenza fix-xhieda tieghu ghal dawk l-jiem pubblici li skond Jane Zammit ma thallsitx taghhom.

Il-Qorti rat l-artikolu 31 tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta u dan jipprovdi li 'kull principal, fi zmien l-ewwel sitt ijiem ta' kuntratt ta' servizz li ghandu jibqa sejjer ghal izjed minn tmint ijiem, ghandu, kemm il-darba l-kuntratt ma jkunx bil-miktub, jaghti jew jibghat lil impjegat dikjarazzjoni iffirmata mill-principal fejn juri fil-qosor:

a. l-isem u l-indirizz tal-principal u ta' l-impjegat;
b. r-rati normali tal-pagi li ghandhom jithallsu;
c. r-rata ta' sahra tal-paga li ghandhom jithallsu ;
d. il-hinijiet normali tax-xoghol kull meta jithallsu l-pagi;
e. il-vaganzi bi hlas, u l-permess ghal vaganzi, ghal mard u permessi ohra li impjegat ikun intitolat ghalihom;
f. l-kondizzjonijiet li tahthom jisghtu jigu mposta multi mill-principal skond s-sub artikolu (1) tal-artikolu 26;
g. kull kondizzjoni ohra specjali li tolqot lil impjieg tal-impjegat.

Dan l-obbligu jaqa fuq il-principal u kieku l-imputat f'dan il-kaz aderixxa ruhu ma din d-dispozizzjoni kif kellu l-obbligu li jaghmel, ma kienx ikun hemm biss x-xhieda tal-partijiet li hija konfliggenti. L-imputat qatt ma qal li kien hemm xi kuntratt bil-miktub ma Jane Zammit ghalhekk din d-disposizzjni tapplika ghal kaz odjern.

Il-Qorti tinnota wkoll dak li jipprovdi l-artikolu 38 ta' l-Att 135 dwar kondizzjonijiet li jkunu inqas favorevoli mill-Att u cioe s-segwenti:

*"Jekk mhux f'kaz kif provdut xort'ohra b'dan l-Att, jekk kuntratt ta' servizz bejn impjegat u l-principal tieghu jipprovdi ghal kondizzjonijiet ta' impjieg, inkluz t-temm ta' dak l-kuntratt, li jkunu inqas favorevoli ghal impjegat minn dawk specifikati fi jew taht l-Att, dan ghandu jkollu effett*

*daqslikieku minflok dawk l-kondizzjonijiet kien hemm imdahhla l-kondizzjonijiet specifikati fi jew taht dan l-Att."*

Illli ghalhekk minhabba s-suespost, l-imputat ma setghax ma jhallasx lil Jane Zammit doppju ghal gurnata tal-Hadd li kienet tahdem, u t-tezi tieghu li kien ihallasha aktar globalment ma treggix.

Il-Qorti rat li fix-xhieda tal-imputat, hemm hafna inezattezzi meta tikkomparha max-xhieda tal-accountant tieghu stess waqt li x-xhieda tal-kwerelanti hija aktar konsistenti u ghandha aktar mis-sewwa w ghalhekk qed issib lil imputat hati.

Dwar il-piena, il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 126 u minn ezami tal-istess jirrizulta li mis-sena 1990 lil hawn, huwa diga nstab hati minn din il-Qorti fuq wiehed w erbghin akkuza fuq reati varji u dan nonostante, l-imputat baqa ma tghallimx ghaliex rega' kiser dufrejh mal-ligi u jinsab quddiem il-Qorti.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma thossx li ghandha taghti piena pekunjarja fil-minimu taghha.

**Ghalhekk, l-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 10, 31. 23, 38 u 41 tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lil imputat JOHN TANTI hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin [250] lira maltin u tordna ai termini tal-artikolu 41(4) proviso lil imputat ihallas lil Jane Zammit dak l-ammont dovut lilha ghal vaganzi bi hlas li ma nghatatx u ghad-differenza tal-paga tal-hdud fl-ammont ta' sitt mija erbgha w erbghin lira u ghoxrin centezmu [LM644.20].**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------